MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 357/2010

**Appell Numru: 357/2010**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Pierre Grech]**
**Vs**
**Eric George**

Illum 11 ta' Lulju, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gżejjer nhar it-18 ta' Marzu 2006:

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita'

mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

*(c)* Ukoll talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Marzu 2006 u fil-jiem ta’ qabel gewwa dawn il-Gżejjer b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas t’a ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Jason Matthew Joseph Muscat ta’ 23 sena bin Anthony u Catherine nee Sultana, residenti Flat 1 Villa Blue Jays, Triq tas-Srug, Xagħra, Għawdex bil-karta tal-identita’ bin-numru 408096 (M) bi ksur tal-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

*(d)* Talli fit-18 ta’ Marzu 2006 u fl-erba’ snin ta’ qabel din id-data kelu fil-pussess tiegħu r-raża meħdua millpjanta

cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża ud an bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, *liema droga nstabet f’tali* e*irkostanzi li jindikaw li ma kentix għall-użu esklussiv tal-imputat.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Lulju, 2010, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 17(b) u 17(h) u 225 tal-Kap 9 sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat kellu fedina penali nadifa kif ukoll li għen sew lill-Pulizija u għalhekk jimmerita li jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101.1 Minnaħa l-oħra ma tistax tinjora l-fatt li dan in-nuqqas ta’ ħarsien tal-Ligi u tar-regolamenti kkawża mewt.

Għalhekk ikkundannat lill-imputat għal piena ta’ prigunerija ta’ tliet snin u għall-ħlas ta’ multa ta’ €3120 liema multa tista’ titħallas b’r’rati ta’ 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ gimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanc ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel fi prigunerija skond il-Ligi tenut kont tal-proviso tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti ikkundannat lill-imputat iħallas ispejjeż tal-inkjesta li saret wara s-sittax ta’ Jannar 2006 fi żmien xahar minn meta r-Registratur joħrog il-kont.

Fl-aħħarnett il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Eric George minnu pprezentat fit-3 ta’ Awwissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn saibthu hati tat-tieni (b) imputazzjoni u thassarha u tirrevokaha fejn sabithu hati tal-ewwel (a), tat-tielet (c), u tar-raba` (d) imputazzjonijiet dedotti kontirh u kwindi

tilliberah mill-istess l-ewwel (a), tat-tielet (c), u tar-raba` (d) imputazzjonijiet u htija skond il-ligi, Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena / sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Eric George, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sejiben ta' hitja tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba imputzzjonijiet hija unsafe and unsatisfactory. L-imputat appellant ma jikkontestax il-pussess illegali tad-drogi koncernati, kif jirrizultaw mill-istqarrijiet u x-xhieda tieghu, izda jikkontesta kemm l-allegazzjoni li huwa forna tali drogi, u l-pussess ikkwalifikat, kif ukoll li huwa b'xi mod kien responsabbli jew ikkaguna l-mewt ta' Jason Matthew Joseph Muscat. L-eroina intrat dejjem minn Jason Muscat. Jekk forsti jista` jinghad li nkwantu ghall-ewwel darba li Jason kien xtara d-droga minghand ic-Cawajs, Jason Muscat kien insapevoli minn fejn seta jixtri tali droga; ma jistax jinghad l-istess inkwantu ghat-tieni darba li xtara din l-istess droga minghand l-istess fornitur – dik id-droga li sfortunatament setghet kienet il-kawza tal-overdose tal-imsemmi Jason Muscat. Ix-xhieda u l-istqarrijiet tal-imputat appellant trid tigi ezaminata fil-qafas tal-provi u r-rixzultanzi kollha u mhux b'mod izolat. L-imputat appellant dejjem cahad li b'xi mod biegh jew spacca d-droga, u jew b'xi mod imqar bin-negligenza tieghu ikkawza l-mewt ta' Jason Muscat;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, fl-istqarrijiet tieghu, Eric George ammetta l-pussess semplici tad-droga in kwistjoni, kif ukoll ammetta li kien hu, fuq insistenza tal-vittma li offra informazzjoni minn fejn tali droga tista` tinxtara l-ewwel darba, izda kien l-istess

vittma, bi flusu li xtara u hallas ghad-droga, kemm dik li ntuzat ghand terzi, kif ukoll dik li effettivament intuzat fir-residenza tal-genituri (ad insaputa taghhom) tal-imputat appellant; L-imputat qatt ma biegh xi droga, u lanqas xtara droga ghall-vittma.

Illi kemm il-vittma kif ukoll l-imputat appellant uzawn din id-droga mixtrija mill-istess vittma bl-isteaa flus tal-vittma. Din id-droga intuzat fl-istess waqt u fl-istess post, u cioe` l-imputat appellant qasam, ghamel sharing mid-droga tal-vittma, u ghaldaqstant jekk qatt kellu jinstab hati tal-imputazzjoni ta' traffikar, il-Qorti kellha obbligu li tikkonsidra jekk kienx applikabbli fil-konfornt tieghu l-ewwel proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap 101.

Illi wara li l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, ma jirrizultax li din l-istess Qorti kkonsidratx jekk ghandiex tapplika o meno l-porviso fuq imsemmi.

Illi jirrizulta car li l-imputat kellu fedina penali nadifa, jirrizulta car li l-imputat ikkopera u assista lill-pulizija, u jirrizulta car ukoll li l-ammont ta' droga involut kien wiehed zghir. Jirrizulta wkoll li d-droga mixtrija kienet wahda bi skop uniku ta' sharing bejn l-imputat u Jason Muscat, u li tali droga effettivament hekk intuzat, fl-istess waqt u fl-istess post, allura jirrikorru c-cirkostanzi necessarji fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkonsidra l-applikazzjoni o meno tal-proviso fuq imsemmija, u f'kaz ta' tali applikazzjoni, l-imputat appellant kien jibbenefika b'kundanna mhux necessarjament karcerarja.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal-imputat tat-tielet imputazzjoni, l-ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li semmiet li 'l-imputat wera nuqqas ta' hsieb kbir meta habrek biex tinkiseb l-eroina minkejja li kien jaf li siehbu gie minn Ghawdex armat bil-pilloli…'; u semmiet il-principju penali li n-negligenza kontributorja tal-vittma mhix difiza assoluta ghal-imputat, izda ghandha biss tigi kkonsidrata fl-applikazzjonital-piena; u li mir-rapporti medici jirrizultaw il-kontribotarjeta tal-vittma; u li l-medicinali wahedhom ma kienux il-kawza tal-mewt; ma giex enfasizzat il-fatt li skond

ir-rapport tossikologiku jirrizulta li ‘Ghandke tahtlita plus medicinali… Mill-materjali kollha li jkunu effettwaw il-gisem, ma tkunx l-eroina biss. Il-cause of death hafna drabi hija combination ta’ xi nstab fl-awtopsja…’

Illi fic-cirkostanzi ma giex ppurvat fil-parametri rikjesti mill-ligi li Jason Muscat miet b’overdose ta’ eroina, u wisq anqas ma gie ppruvat li Jason Muscat miet minhabba f’dik l-eroina li l-vittma u l-imputat kienu hadu;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, fir-rigward tas-sejbien ta’ htija tal-imputat tat-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqqset li tikkonsidra l-fatt li skond l-istess stqarrija tal-imputat, Jason Muscat xtara d-droga t-tieni darba, minghand l-istess persuna li kienet inxtrat id-droga l-ewwel darba. Din it-tieni darba, l-imputat appellant zgur li ma kellu x’jaqsam xejn fix-xiri ta’ tali droga. Jason Muscat xtara d-droga minghand persuna li gia kien jaf li jispacca tali; Jason Muscat giea kien fejn l-istess spaccatur; Jason Muscat gibed il-flus mill-ATM, u hallas ghad-droga huwa stess;

Oltre dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqqset li tikkonsidra l-fatt li skond l-istess sqarrija ta’ l-imputat, huwa kien qasam id-doza tal-vittma f’zewg seringi ta’ 35 il-wahda, u l-imputat kien wissa lil Jason sabiex ma jiehux it-tieni dosa, tant li warrabha, izda ad insaputa tal-imputat appellant, il-vittma mar ha it-tieni dosa. Jason Muscat ghamel hekk, anka meta kien ha ammont ta’ medicinali ohra, ghax ried hu kontra t-twissija tal-imputat appellant. Ma jirrizultax li l-vittma ma kienx f’sensih meta issomministra d-droga fuqu nnifsu, u dan minkejja li kien qed jiehu diversi medicinali. Il-vittma ha overdose meta kien f’sensih, kontra kull twissija tal-imputat appellant. L-akkuza migjuba kontra l-imputat hi li huwa b’ nuqqas ta’ hsieb… ikkaguna l-mewt ta’ Jason Muscat, u tali htija ma tirrizultax.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, fir-rigward tas-sejbien ta’ htija ta’ l-imputat tar-raba` imputazzjoni, mhux talli ma gietx ippruvata tali imputazzjoni, izda sahansitra l-Ewwel Onorabbli Qorti,

fittxet xi raguni ghalxiex il-prosekuzjoni tat tali imputazzjoni billi qalet ‘probabbli’…

Illi l-imputazzjoni hija ‘Talli fit-18 ta’ Marzu 2006 u fl-erba’ snin ta’ qabel din id-data kelu fil-pussess tiegħu r-raża meħdua mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża ud an bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali eirkostanzi li  jindikaw li ma kentix għall-użu esklussiv tal-imputat.’ L-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li minn jeddha tenfasizza l-kliem *‘liema droga nstabet f’tali eirkostanzi li  jindikaw li ma kentix għall-użu esklussiv tal-imputat’* billi tghamilhom in italics u sottolienajati. L-imputazzjoni mhix limitata biss ghat-18 ta’ Marzu, 2006, izda tkopri wkoll (cioe` bil-kelma ‘u’ – u mhux ‘jew’) l-erba snin ta’ qabel tali data, filwaqt mhix limitat ghal pussess semplici li gie ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu li meta kien mal-vittma flimkien mac-Cawajs, l-imputat u dawn in-nies pejpu joint li kien tieghu; ghalkemm ma tressqet l-ebda prova lid an il-joint ma nxtarax mill-imputat sabiex isir sharing minnu, l-anqas ma jista` jinghad u wisq anqas ma gie ppruvat li fit-18 ta’ Marzu, 2006 u fl-erba` snin ta’ qaabel din id-data l-imputat kellu fil-pussess teighu ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom a bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artiekolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, *liema droga insabet f’tali cirkostanzi li jidikaw li ma kenitix ghall uzu esklussiv tieghu.*

Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq espost, fi kwalunkwe kaz jirrizulta car li tali cannabis kienet tal-imputat appellant, intiza ghalih, izda huwa ddeciedha li jaqsamha ma haddiehor, f’dak l-istess waqt li kien qed jikkunsmaha huwa stess. Dan ic-cirkostanzi, kollha jinkwadraw f’dak rikjesti mill-ligi sabiex l-imputat kellu jigi kkonsidrat li kien effettivament qed jghamel sharing mill-istess droga, u ghaldaqstant kien jimmerita li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkonsidra tapplikax il-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap 101, tenut kont tal-fedina penali nadifa tal-imputat, u l-ammont zghir ta’ droga involut, u ma jirrizultax li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonsidrat l-applikazzjoni ta’ tali proviso.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kif ghandu jigi elaborat fit-trattazzjoni ta’ dan l-umli appell, jezistu cirkostanzi li jimmilitaw favor temperament sostanzjali jew f’bidla sostanzjali tal-piena inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-pulizija irceviet rapport fid-dsatax (19) ta’ Marzu tal-elfejn u sitta (2006) illi fi blokk appartamenti, Flat 9, Block B, Independence Flats, Maria De Domenici Street, Santa Lucija, kien hemm persuna, Jason Muscat, ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena illi kien mejjet suspett kawza ta’ overdose ta’ droga. Muscat kien residenti Ghawdex u dakinhar qasam Malta fid-disgha u nofs ta’ filghaxija (9.30 p.m.) fejn l-appellant, omm l-appellant u ohtu kienu qieghdin jistennewh. Fl-ghaxra u nofs ta’ filghaxija (10.30 p.m.) tas-Sibt, Muscat mar jorqod fil-kamra tal-appellant u dan tal-ahhar dahal jorqod ghal xi s-siegha ta’ billejl (1.00a.m.). Dak il-hin Muscat kien digà rieqed peress illi kien qed jonhor. Meta filghodu missier Eric mar biex iqajjem lil Muscat, dan ma qamx. Minn ezamijiet tossikologici irrizulta illi Muscat miet kawza ta’ overdose ta’ droga.

L-appellant permezz ta’ zewg stqarrijiet lill-pulizija spjega r-rwol tieghu f’dan l-akkadut. Beda biex jghid illi huwa kellu problema ta’ droga u li kien ilu jiehu l-ismack sentejn minn mindu kellu sittax-il (16) sena. Huwa kien iddahhal id-DDU fejn kien iltaqa’ ma’ Jason Muscat u saru hbieb. Meta Muscat mar jorqod ghand l-appellant gab mieghu ghadd ta’ pilloli illi kellu jiehu filghaxija. L-appellant kien jaf li l-mejjet kellu l-vizzju tad-droga smack, tant illi meta waslu d-dar Muscat staqsa lill-appellant kinux ser jiehdu xi haga. Ghal habta tal-hdax ta’ filghaxija (11.00 p.m.) l-appellant ipprova jgib id-droga izda s-supplier tas-soltu qallu li kien sar hin wisq u ghalhekk l-appellant gietu l-idea illi jixtri d-droga minghand ic-Cawajs li hadhom l-Isla ghand wiehed jismu Stephen. Meta kienu ghand din il-persuna akkwistaw id-droga bl-ammont ta’ tmien liri (Lm8) illi hallas ghalihom Jason Muscat. L-appellant sajjar il-

pakkett u l-vittma ha mieghu. Aktar tard pejpu joint illi kien tal-appellant. Meta kienu d-dar l-appellant qal lil Jason biex izomm doza minnhom ghal okkazjoni ohra. U wara l-ikel Muscat ha l-pilloli. Kien hawnhekk ukoll illi ha zewg dozi droga. Muscat dahal jorqod u meta dahal l-appellant semghu jonhor. Filghodu Muscat kien mejjet.

Fit-tieni stqarrija tieghu l-appellant qal li t-tmien liri (Lm8) li hallas Jason kienu fil-fatt f'idejh u kien l-appellant stess illi ghaddihom lic-Cawajs. Ghand Stephen kienu pejpu zewg joints u dawwruhom bejniethom. L-appellant staqsa minn fejn seta' jakkwista aktar droga u Stephen qalilhom illi kien se jirrangalhom aktar tard.

B'sentenza moghtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 151) l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati illi involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Jason Muscat u l-akkuzi l-ohra addebitati lilu u ikkundannatu ghal tlett (3) prigunerija kif ukoll multa ta' tlett elef, mija u ghoxrin ewro (€ 3,120).

L-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. F'dan l-appell l-appellant argumenta illi Muscat kien gie introdott lill-ispaccatur, però kien l-istess Muscat illi hallas ghad-droga. Ikkonferma illi l-appellant kulma ghamel kien li introduca lil Muscat lill-ispaccatur, u l-Qorti qieset dan bhala l-kawza tat-tieni traffikar. L-appellant argumenta li, allura ghax introduca lill-persuna ghandu jgorr il-piz ta' din l-introduzzjoni hajtu kollha?! L-istess joint intuzat minn kulhadd. Kien il-vittma, Muscat, illi xtara d-droga, minn jeddu, minghajr l-intervent tal-appellant. L-appellant isostni li ma kienx jaf li l-vittma kien ibaghti minn OCD u kienet din il-kondizzjoni illi wasslet ghall-mewt tal-vittma li xtara d-droga wahdu minghajr l-intervent tal-appellant. Irrefera ukoll ghall-pre-sentencing report minn fejn irrizulta illi l-appellant miexi 'l quddiem u qed izomm ruhu clean, qed jahdem u jgib ruhu sew, b'rapporti favorevoli mis-social workers. Argumenta li piena karcerarja f'dawn ic-cirkostanzi mhiex idonea.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi skont l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101, il-fatt illi wiehed jaghti informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' xi medicina bi ksur tal-Ordinanza, titqies bhala traffikar. L-istess appellant jirrikonoxxi illi kien hu li introduca lil Muscat lill-ispaccatur. Mhux hekk biss, talli laqqghu mieghu wkoll u kien l-imputat li kien jaf lis-suppliers il ghaliex Muscat, li joqghod Ghawdex, ma kellux informazzjoni dwar suppliers Maltin. Il-fatt li l-flus hallashom Jason Muscat ma jbiddel xejn mill-pozizzjoni legali tat-tifsira tal-kelma "traffikar". Kien l-appellant li ghamel it-traffikar tad-droga possibbli u kien strumentali biex it-tieni darba ukoll jinxtara d-droga minghand Stepehen (Cucciardi). Dan l-agir kien bizzejjed sabiex jissodisfa l-kwezit tal-ligi u l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni. Sabitu hati ukoll tat-tieni imputazzjoni ghax la darba ammetta l-pussess tad-droga l-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li ssibu hati ta' dan il-kap b'dana illi hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

L-appellant huwa ukoll addebitat illi huwa involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Jason Muscat. Skont l-awtopsja Muscat kellu pulmonary oedema. It-tossikologiku irrapporta li Muscat kien ikkonsma l-eroina tnax-il (12) siegha sa erbgha u ghoxrin (24) siegha qabel il-mewt. Kien hemm ukoll tracci ta' THC u l-prezenza ta' anti depressants. L-esperti medici irrappurtaw illi l-anti depressants wahidhom ma kienu se jhallu l-ebda effett, però meta dawn tehodhom bid-droga l-konsegwenza tkun fatali. L-appellant kien jaf illi Muscat kien qed jiehu l-pilloli ghax dawn gabhom mieghu d-dar dik il-lejla u rah jehodhom ukoll. Madankollu xorta assistih u ghenu sabiex jakkwista d-droga u ippreparaha sabiex tittiehed minnu. F'dawn ic-cirkostanzi allura l-appellant messu issuppona illi pilloli u droga ma jmorrux flimkien u li kienu se jkunu micidjali. Madankollu ma ghamel xejn u xorta ghen lill-vittma sabiex jakkwista u jiehu d-droga. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-meritu, din il-Qorti jidhrilha illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti din setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-Qorti qieset illi l-appellant ghandu fedina penali nadifa kif ukoll li ghen sew lill-pulizija u ghalhekk jimmerita li jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101. Min-naha l-ohra ma setghetx tinjora l-fatt illi n-nuqqas tal-appellant li jhares il-ligi ikkawzat mewt ta’ guvni ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena. Il-fatt illi l-appellant miexi ‘l quddiem u qed izomm ruhu clean u ghandu rapporti favorevoli minn social workers huwa ta’ beneficcju ghalih u sewwa jaghmel jekk jibqa’ f’din it-triq ghax hu biss se jgawdi u hadd iktar. Però, ghal dak illi ghamel, din il-Qorti jidhrilha illi ghandu jerfa’ r-responsabiltà taghha u tenut kont illi kawza tal-agir tieghu ntilfet hajja ta’ persuna ohra, piena ta’ tlett (3) snin prigunerija hija idonea ghal dawn ic-cirkostanzi. Il-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak illi jirrigwarda l-piena jekk jirrizulta illi din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm l-ebda raguni il ghala ghandu jkun hemm varjazzjoni. Din il-Qorti ssib illi l-parametri huma osservati u ma hemm l-ebda raguni il ghala l-piena ghandha tigi varjata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------